MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 39/2014

**A B f'isimha proprju u**

**bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri binha C**

**vs**

**D B, E F u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici proprio et nomine li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fil-15 ta' Awissu 2011, twieled il-minuri C, li gie registrat bil-kunjom 'B' bhala iben D B u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid, u dan stante illi omm il-minuri C hija mart l-intimat D B;

2. Illi l-esponenti hija separata de facto u hija fil-process li tissepara legalment minn D B;

3. Illi l-minuri C gie koncepit fil-kors tar-relazzjoni li l-esponenti kellha mal-intimat l-iehor E F;

4. Illi l-intimat D B mhuwiex il-missier naturali tal-minuri C u dan peress illi l-missier naturali huwa l-istess E F, liema stat ta' fatt huwa accettat mill-partijiet f'din il-kawza u li ser tigi ppruvata waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi dan l-istat ta' fatt huwa ppruvat ukoll minn testijiet genetici tal-paternita' li saru fuq il-minuri kif ukoll fuq il-konvenuti l-ohra D B u E F, u li ma jhallu ebda dubju illi missier il-minuri C huwa propju E F.

Ghaldaqstant, l-attrici pro et noe qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna,

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri C mhux it-tifel naturali tal-konvenut D B, zewg l-attrici ommu, izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E F, b'mod illi hemm 1ok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri C f'dan is-sens.

2. tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid tal C, numru 3049 tas-sena 2011, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonni fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-konvenut D B jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut E F, kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza u kif ukoll billi kunjom l-minuri jigi jaqra F minflok B.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota guramentata tal-konvenut D B tal-5 ta’ Mejju 2014 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

Rat l-affidavit tal-attrici.[1]

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[2] li permezz taghha issottometta s-segwenti:-

1. Illi ghalkemm b' effett mill-14 ta' Jannar 2011, azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita ta' tarbija mwielda fi zwieg tista tigi ezercitata mill-omm ai termni tal-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri C B, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri C B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri C B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jeghlbu l-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri C B ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu:

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponent jistieden lill-intimat E F sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) id-dokument tal-identita' tieghu, (2) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri C B, (3) il-post fejn twieled, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid taI-fuq riferit C B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 3049 tas-sena 2011;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri C B a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-koionna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm

[1] Fol. 18
[2] Fol. 19

ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat- Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3049 tas-sena 2011;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut E F[3] li permezz taghha iddikjara li huwa ma huwiex jikkontesta l-pretensjonijiet attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Huwa minnu kif eccepixxa d-Direttur illi una volta si tratta ta’ tarbija imwielda fiz-zwieg u l-azzjoni ma gietx intavolata entro sitt xhur mit-twelid, strettament kien mehtieg li qabel tigi intavolata l-kawza l-attrici tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Izda mill-kumpless tal-provi mressqa ma hemmx dubju illi l-istat tal-minuri ma jaqbilx mal-kontenut tac-certifikati tat-twelid tieghu u ghalhekk jekk il-Qorti tipprosegwi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba m’hux ser jigi lez xi dritt ta’ xi hadd mill-partijiet. Ghal kuntrarju ser jigu evitati spejjez doppji u kawza ohra li immankabilment twassal ghall-istess konkluzzjoni bhal dik odjerna. Ghalhekk l-Artikolu 81 tal-Kap 16 li ghaliha ghamel referenza d-Direttur, ma hux ta’ ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

[3] Fol. 23

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Apparti x-xhieda tal-attrici li fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri hija kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut F, minnu wkoll ammess, gew ezsebiti zewg 'DNA Paternity Test Reports" bid-dati tal-31 ta' Ottubru 2011 u 18 ta' Dicembru 2013 rispettivament[4] li jiccertifikaw illi l-konvenut D B ma hux il-missier bijologiku tal-minuri C u li l-konvenut E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri C.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur u tiddeciedi t-talbiet attrici billi:

1. Tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri C ma hux it-tifel naturali tal-konvenut D B izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut E F.

2. Tilqa' t-tieni attrici u tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C numru 3049 tas-sena 2011 billi fil-kolonna intestata missier it-tarbija jigu kkancellati l-isem u l-konnotati kollha tal-konvenut D B; u minflok jigu inseriti l-isem u l-konnotati kollha tal-konvenut E F skond kif jirrizultaw mill-atti tal-kawza u mill-atti fir-Registru Pubbliku; u jigu kancellati l-kliem 'the said' minn hdejn isem u l-konnotati tal-omm.

3. Tordna li t-tifel ikun maghruf bil-kunjom 'F'..

[4] Fol. 5 u Fol. 7

Bl-ispejjez kontra l-attrici A B u l-konvenut E F.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------